MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1088/2002/1

**Avviz Numru 1088/02 AJD**
**Joseph Grech**

**vs**

**Schembri and Sons Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u erba'' centezmi (Lm171.04) rapprezentanti danni rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' Mejju 2001, f'Tal-Barrani Road, Zejtun meta waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBH 136 sab bla pre-avviz sinjal tal-hadid fil-karreggjata u sar skontru b'rizultat li l-vettura sofriet danni ammontanti ghall-Lm171.04. Dan l-incident sehh tort tal-imperizja, traskuragni u nuqqas ta'

segwitu tar-regolamenti tal-konvenut li naqas li jizgura li s-sinjali li tpoggew mill-haddiema ta’ Schembri and Sons Limited kienu adegwatament vvizibbli.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-pariri legali ammontanti ghal Lm23.00, u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn hija eccepiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu stante li s-socjeta’ eccipjenti bl-ebda mod ma kellha x’taqsam mad-danni allegatament sofferti mill-attur fl-incident imsemmi u l-anqas ma kienet resposabbli ghall-istess.
Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Sema’ x-xhieda tal-attur, ta’ Dr. Yana Micallef Stafrace u ta’ Jacqueline Montanaro. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-provi li ngabru u dan wara talba f’dan is-sens mill-attur.

Ra li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tidher quddiem it-Tribunal u milli tressaq il-provi taghha u dan nonostante li inghatat diversi opportunitajiet li taghmel dan.

Ikkunsidra:

Illi l-kasz jirrigwarda incident li sehh fl-14 ta’ Mejju 2001 fi Triq tal-Barrani, z-Zejtun meta waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni FBH 136 huwa habat ma’ ‘crash barrier’ li kien impoggi fit-triq minn haddiema tas-socjeta’ konvenuta, liema haddiema kienu qed jesegwixxu xi xoghlijiet fl-istess triq.

Illi l-attur xehed li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fil-lokalita’ msemmija ghal habta tat-8.10am, sejjer fid-direzzjoni ta’ Marsaxlokk u meta wasal fil-liwja li hemm fit-triq, liema liwja hija riportata fir-ritratti esibiti mill-attur a fol. 11 tal-process, huwa sab ‘crash baarrier’ qudddiemu, ghafas il-‘brake’ sabiex jevita dan il-‘crash barrier’ izda inutilment ghaliex huwa habat mieghu u gew kawzati

danni fil-vettura tieghu liema danni jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna. L-attur spjega li l-vizibilita’ fil-liwja hija limitata u dan anki minhabba vetturi li jkun hemm parkeggjati kif jirrizulta mir-ritratti esibiti minnu. L-attur preciza wkoll li qabel dan il-‘crash barrier’ ma kien hemm ebda ‘cone’ li jindika l-presenza ta’ dan il-barrier’. L-attur ma seghax igib il-Pulizija fuq il-post minhabba li l-vettura tieghu kienet f’posizzjoni perikoluza u kienet tisfa’ milquta minn vetturi ohra li kienu ghaddejjin fit-triq kieku halliha fuq il-post, izda huwa cempel id-Depot sabiex jaghmel rapport ftit wara li sehh l-incident. Xi ftit tas-sighat wara huwa rega’ mar fuq il-post u gibed ir-ritratti li esibixxa a fol. 11 u kellem l-haddiema li kienu qed jesegwixxu x-xoghlijiet wara l-‘crah barrier’. Dawn tal-ahhar infurmawh li huma kienu haddiema tas-socjeta’ konvenuta u qalulu wkoll li xi ftit tal-hin qabel sewwieq iehor kien involut f’incident simili bhal tieghu. L-attur qal ukoll li wara l-incident huwa kkomunika diversi drabi mas-socjeta’ konvenuta u ghadda kopja tar-ritratti u l-ircevuti lil certu Frank Schembri.

Il-verzjoni tal-attur giet korroborata minn Jacqueline Montanaro. Din ix-xhud spjegat li hija ghaddiet minn fuq il-post tal-incident xi ftit tal-minuti qabel l-attur u qalet li anki hi inhasdet meta sabet il-‘crash barrier’ ma’ wicca stante li ma kien hemm ebda ‘cone’ li jissenjala l-presenza ta’ dan il-‘crah barrier’. Hija tghid li kellha tghafas il-‘brake’ immedjatament malli daret il-liwja ghaliex sabet il-‘crash barrier’ ezatt quddiemha u l-vettura ta’ warajha kwazi dahlet fiha. Din ix-xhud qalet ukoll li meta regghet ghaddiet minn fuq il-post wara nofsinhar kien hemm il-‘cones’ quddiem il-‘crash barrier’ sabiex jissenjalaw il-presenza tieghu.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova soddisfaentement li fil-hin tal-incident ma kienx hemm senjalazzjoni adegwata li kienu qed isiru xoghlijiet fit-triq jew li kien hemm ‘crash barrier’ li kien qed jingombra l-passagg liberu tal-vetturi li kienu qed jipprocedu fi Triq tal-Barrani. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-attur kif ukoll mix-xhieda ta’ Jacqueline Montanaro. Is-socjeta’ konvenuta, kif diga’ inghad aktar il-fuq, ma resqitx provi u

ghalhekk bl-ebda mod ma rnexxielha tikkontradici dawn il-provi mressqa mill-attur jew b'xi mod iehor tipprova dak allegat minnha fir-risposta..

Illi f-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Gunju 1995, fil-kawza fl-ismijiet **'Carmelo sive Charles Camilleri vs Francis Carbone nomine' (Citaz. Nru. 556/83FGC)** il-Qorti ccitat sentenza tal-Corte di Cassazione Taljana riportata mill-awtur **Roberto Rovelli** fil-ktieb tieghu **'Responsabilita' Civili e Penali per gl'Incidenti dele Strade' )pg. 445 vol.11), Cassazioine Civile 6.8.85** fejn intqal:-*"Chiunque opera a contatto della collettivita' deve adottare ogni possible cautela al fine di evitare che il suo operato determine danno agli altri. Un appaltatore pertanto, che espleti lavori sulla strada, ha l'obbligo di accertarsi prima dell'inizio dei suoi lavori, che l-Ente cui ompete la manutenzione della strada abbia apposto le segnalazioni idonee ad avvertire cittadini deella preclusione al traffico della stessa ovvero dei pericoli inerenti al traffico su di essa durante il corso dei lavori, e nel caso che ditto ente non l'abbia fatto, ha l'autonomo dovere di provvedere in proprio alle segnalazioni non attuate dall'Ente".*

Illi kif diga' spjegat aktar il-fuq, mill-provi rrizulta soddisfacentement li s-socjeta' konvenuta naqset milli tadempixxi ma' dan l-obbligu u jsegwi ghalhekk li hija ghandha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tan-negligenza taghha.

Illi fir-risposta taghha s-socjeta' konvenuta allegat li x-xoghlijiet ma kienux qed isiru minnha izda, apparti l-fatt li l-konvenut xehed li l-haddiema li kienu fuq il-post dakinhar tal-incident qalulu li huma kienu mpjegati ta' Schembri and Sons Limited, l-avukat difensur tal-attur xehedet li hija kienet ikkorrispondiet mas-socjeta' konvenuta dwar l-incident in kwistjoni u kienet giet mitluba tibghat l-ircevuti relattivi. Hija kkonfermat ukoll li fl-ebda stadju ma giet infurmata li s-socjeta' konvenuta ma kienetx qed tesegwixxi x-xoghlijiet in kwistjoni dakinhar tal-incident.

Illi l-quantum tad-danni reklamati mill-attur bl-ebda mod ma gie kontestat mill-kontro-parti u fi kwalunkwe kaz l-attur esebixxa l-ircevuti relattivi.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ mija u wiehed u sebghin lira Maltin u erba’’ centezmi (Lm171.04), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**Dr. Audrey J. Demicoli**
**Guudikatur.**